

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7757 — AXA/Genworth LPI)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2015/C 336/04)

1. Fil-5 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha AXA SA ("AXA", Franza) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-partijiet tal-kontroll tan-negozju fl-assigurazzjoni ta' Genworth Financial Inc. permezz ta' xiri ta' ishma f'Genworth Financial European Group Holdings Limited ("Genworth Topco", ir-Renju Unit), Financial Insurance Guernsey PCC Limited ("FIG PCC", Guernsey), Genworth Consulting Services (Beijing) Limited, ("GCS Beijing", iċ-Ċina), Genworth General Services Asia Limited ("GGS Asia", Hong Kong) u CFI Administrators Limited (Ireland), riferuti flimkien bħala "Genworth LPI".

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal AXA: il-provvista ta' assicurazzjoni fuq il-ħajja, assicurazzjoni mhux fuq il-ħajja, ta' riassikurazzjoni u servizzi ta' ġestjoni ta' assi globalment,
- għal Genworth LPI: il-provvista ta' assicurazzjoni fuq il-ħajja, assicurazzjoni mhux fuq il-ħajja, u servizzi ta' riassikurazzjoni globalment.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza Każ M.7757 — AXA/Genworth LPI, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.